XEWKIJA

**MINUTI**
**KUNSILL LOKALI IX-XEWKIJA**
**IS-SEBA' KUNSILL - LAQGĦA NUMRU 2**
**22 ta' April 2013 fis-7:00p.m.**

Il-Membri tal-Kunsill Lokali tax-Xewkija ltaqgħu fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill u l-laqgħa bdiet fis-7:00 p.m.

**<u>Preżenti:</u>**

| | |
|---|---|
| Sur Paul Azzopardi | Sindku |
| Dr Monica Vella | Viċi-Sindku |
| Sinjura Jeanelle Attard | Kunsilliera |
| Sur George Zammit | Kunsillier |
| Sur Domenic Zerafa | Kunsillier |

**<u>Uffiċjali:</u>**

| | |
|---|---|
| Sinjura Sue-Ellen Bugeja | Segretarju Eżekuttiv |

1. **<u>Rendikont tas-sitwazzjoni tal-Kunsill</u>**

   Il-Viċi Sindku Monica Vella bdiet billi awgurat lill-kunsill u xtaqet li kulħadd jaħdem għall-ġid tar-raħal. Monica Vella qalet li hi semgħet ħafna affarijiet minn nies li l-kunsill ta' qabel dan kien ħalla ħafna dejn u m'hemmx flus biex isiru l-bankini u proġetti. Hija talbet lis-Segretarja iggib kopja tal-Financial Statements u taghti kopja lil Kull kunsillier fuq il-mejda. Is-Segretarja ghaddiet kopja tal-Financial Statements bid-data ta' Dicembru 2012 lil Kunsilliera li minnu jirisulta li l-Kunsill kellu cash in bank and hand l-ammont ta' 338,00 euro. Hija qalet li fil-kunsill ta' qabel Dr. Monica Vella u s-Segretarju Ezekuttiv kienu għamlu ezerċizzju finanzjarju li fih kien jinkludi l-ispejjez tal-proġetti tat-toroq tal-PPP, il-proġett tat-tisbieħ tal-bankini tal-ħamrija bi prezz ta' madwar 23,000 euro kull blokk kif ukoll l-ispiza fuq il-bini tal-latrina. Is-Sindku qal li kieku saru cement tiles u li issa hemm xi differenza ta' sittax-il elf li jammonta differenza fuq kull zewġ blokkok li ifisser total ta' differenza kemm kien maħsub ta' xi 48,000 euro wara li tkellem mal-Perit Clint Camilleri. Kien hemm prezenti Giovann Vella u Pawlu Axiaq. Dan il-ħin kien ħa jitkellem Ġovann Vella u Ġorġ Zammit qallu li kif dejjem ġara u kif titlob il-liġi għandu jitlob permess lis-Sindku biex jitkellem. Il-viċi sindku kompliet tgħid li l-għajdut li intqal li Monica ħalliet id-dejn tidher ċara li mhux veru fil-financial statements ta' Diċembru 2012 u qalet li la darba kien hemm il-flus m'għandux ikun hemm problema biex jiġifieri

titlesta blokka joħroġ il-kont u li jitħallas u jibqa’ isiru l-blokki ta’ wara, mbagħad. Hija qalet li hemm ukoll flus li huma committed ta’ l-UIF 58,000 euro li huma committed fuq il-bankini tal-Hamrija, fuq il-lift tal-latrina tal-Pjazza 10,000 euro u xi 150,000 euro fuq it-toroq tal-PPP. Hi qalet li barra dawn il-committments hemm ukoll flus committed fuq fil-ġnien ta’ Blankas taħt il-fondi tal-Measure 313 u tal-Eco-Gozo. Hija qalet li hemm ukoll skema tal-playing fields li ghadha ma ġietx awarded u li kien hemm applikanti fondi tal-EU maħruga mill-Assiocation tal-Kunsilli flimkien ma’ kunsilli oħrajn li imbgħad ma gietx awarded.

Mistoqsija jekk kienx hemm tender Dr. Monica Vella kompliet tispjega li t-tender tal-Construction of Pavements kien hemm offerta wahda li kien G.V. Gozo Development Limited u li ma ħadetx sehem fl-għazla tat-tender minhabba interess pekunjaru skont kif titlob il-ligi. Hi spjegat li G.V. Gozo Development Limited kien ukoll xeħet tender oħra fuq il-bini tal-latrina fi pjazza San Ġwann Battista u ma kienx ġie magħzul mill-membri tal-kunsill. Dak il-ħin il-kunsillier Ġorġ Zammit qal li dik it-tender tal-kostruzzjoni tal-bankini inħarġet biss biex jekk ikun hemm xi bankina miksura issir. Hu kompla jgħid li proġett bħal tal-Hamrija trid toħroġ tender ġdida għal somma kbira bħal dik. Ġorġ Zammit qal li l-aħjar nieħdu parir ma’ avukat. Il-kuntrattur Ġovann Vella qal li fi tlett snin l-istess bankini ser jitilgħu l-ammont ta’ flus. Dr. Monica Vella qalet li tender li ġiet eġudikated ma tistax tiġi scrutinized mill-kunsill il-ġdid, la darba l-kunsill ta’ qabel iddeċieda, l-kunsill il-ġdid ma jistax jirranġa l-kuntratt u t-tender ta’ qabel. Hija ġabet ezempju ta’ x’ħin jilħaq gvern ieħor ma jbiddilx it-tenders ta’ qabel. Ġorġ Zammit qal dejjem jekk ma jkunx sar xogħol ħazin. Dr. Monica Vella spjegat li l-qbil tal-Kunsill ta’ qabel kien li l-ewwel issir blokk 1 u tithallas u blokk 2 u titħallas u jkomplu sejrin hekk. Hi qalet li fuq dan il-proġett hemm il-funds ta’ l-Urban improvements ta’ 58,000 euro. Ġorġ Zammit staqsa lil Dr. Monica Vella jekk il-kont ta’ l-ewwel blokk kienx tħallas mill-kunsill ta’ qabel għax kieku konna ngħalquha din il-problema. Dr. Monica Vella qalet li l-kontijiet m’għaddewhomx għax il-kunsilliera ta’ qabel kienu jitilqu u kull aġenda minn Jannar ‘l hawn ma saritx kollha u ma ghaddewx l-ebda kontijiet. Hija qalet li l-blokkok ser jiġu aktar minn kemm kienet għamlet l-ezerċizzju hi u s-segretarja peress li l-kunsillier preċidenti Hubert Saliba kien qal li kieku jsiru flower beds, dwal, bankijiet u affarijiet oħra u li kienu zdiedu l-ispejjez. Il- kunsillier Ġorġ Zammit sostna li jrid il-minuti ta’ qabel u rendikont sew tal-flus li hemm il-kunsill u l-affarijiet li huma committed. Dr. Monica Vella qalet li l-minuti ma jistgħux jitgħaddew lill-kunsilliera qabel ma jkunu iffirmati. Dak il-ħin Ġorġ Zammit staqsija għaliex m’humiex iffirmati. Hi qaltlu li meta ġew mgħoddijin saru xi corrections dak il-ħin u biex ma jitħallewx bil-biro riedu jiġu irranġati. Is-segretarju ezekuttiv qaltlu li hi kienet lestithom u irranġathom u kien jonqos biss il-firma.

Ġorġ Zammit ġibet l-attenzjoni li l-Kuntrattur tat-toroq tal-PPP Gatt Construction ghandu kontijiet pendenti li jammontaw amount ta’ flus. Dr. Monica Vella qalet li hemm problema fuq dan il-kont peress li l-kunsill ġie mitlub tletin elf aktar mill-istima tal-perit Saliba. Dr. Monica Vella qalet li l-kunsill ta’ qabel tagħlab rapport lil

XEWKIJA

perit John Saliba biex jispjega din id-differenza izda d-dokument li ipprezenta ma kienx rapport u minghajr spjegazzjoni ta' xejn. Dr. Monica Vella qalet li rapport aktar fid-dettal għandu jiġi prezentat lill-kunsill. Is-Segretarja ser titlob lil perit rapport aktar fid-dettal. Ġorġ Zammit qal li meta l-ammont ikun ser jaqbez it-10% aktar mill-istima għandu jiġi infurmat il-kunsill immedjetament b'dan mill-perit inkarigat. Is-Segretarja qalet li l-kunsill qatt ma ġie avzat u qatt ma ta l-go ahead fuq din l-ħaġa. Ġorġ Zammit staqsa lil Monica Vella jekk nagħmlux LA ezempju tat- triqat li jkollhom bzonn it-tarmac. Monica Vella qaltlu li f'kull tender issir LA u garanziji.

Il-Viċi Sindku qalet li hemm flus biex isiru l-blokkok kollha u li dawn il-flus għandhom jintuzaw fl-area tal-ħamrija biss peress li l-kunsill ta' qabel kien iddecieda hekk u li l-flus l-ohrajn li hemm jintuzaw għal dawn il-proġetti, tat-toroq, tal-latrina u l-bankini liema flus kien hadem ghalihom il-Kunsill ta' qabel. Ġorġ Zammit reġgħa qal li hu irid il-minuti ta' l-aħħar laqgħat, rendikont finanzjarju lil kull kunsillieru financial statements lil kull kunsillier. George kompla jghid li imbagħad ikunu jistghu jiddiskutu wara li ikunu raw dawn id-dokumenti fuq il-bqija tal-blokok u m'ghandux issir l-ebda xoghol iehor sakemm jaraw id-dokumenti u jigu iccarati l-affarijiet. Dr. Monica Vella qalet li l-kunsill ta' qabel ma kellux problema biex iħallas blokk 1 u 2. Is-Sindku qal li hu irid ikun jaf ezatt għaliex qed jiffirma fuq ic-check qabel joħroġ il-pagament. Dr. Monica Vella reġgħet qaltlu li l-kunsill ta' qabel ma kellux l-ebda diffikulta' biex iħallas blokk 1 u 2 u l-blokkok l-oħrajn wara skond il-minuti preċidenti. Pawlu Axaiq tagħlab permess lis-Sindku biex jitkellem u qal li n-nies ta' qabel ma kienux nies bizejjed biex jiffirmaw. Il-kunsilliera Janelle Attard qalet li trid ftit zmien biex tara l-affarijiet u ħadd m'għandu interess li jintelfu dawn il-flus. Il-kunsillier Domenic Zerafa staqsa lil Dr. Monica Vella kemm se jiġu jiswew issa is-sitt blokok ma' xulxin u hi qaltlu li madwar xi 240,000 euro skond l-istima tal-Perit Clint Camilleri . Ġorġ Zammit qal li hu għandu kull dritt ikun jaf kif ingħatat it-tender u li jrid imur fuq il-post jara x-xogħol mal-perit hu stess. Ġorġ Zammit qal li jrid jara sew l-aċċess li hemm għal wheelchairs. Ġovann Vella qal li hu jagħmel dak li jgħidlu l-perit.

Dr. Monica Vella staqsiet lill-kunsilliera prezenti jekk għandhomx diffikulta' iħallsu kont ta' 40,000 euro minn bilanċ li hemm ta' madwar 338,000 u xogħol mgħoddi fil-minuti ta' qabel. Il-Kunsilliera mistoqsija wiehed wiehed qalu li ghandhom difficulta' u ghalhekk il-Vici Sindku qalet li ha tohrog minhabba li ghandha interess pekunjarju. Qabel harget mil-kamra il-Viċi Sindku Dr. Monica Vella iddekjarat li hi mhix se tidhol responsabbli ghal xejn la darba hemm il-fundi disponibbli u mhux ser tiehu sehem fid-decizzjoni li ser jiehdu u li ħa toħroġ barra. Hi spjegat l-affarijiet ta' qabel u li hemm il-flus biex jitħallas dan l-ammont għax huwa l-obbligu tagħha li tagħmel dan. Il-Vici Sindku harget barra mil-kamra. Ġorġ Zammit qal li jrid isir rendikont sew biex ikun jaf l-affarijiiet sew. Ġovann Vella qal li ser ikollu jieħu l-passi li suppost għax hu għandu l-interessi tal-bank. Pawlu Axaiq qal li kien inxtara madum għall-blokokk kollha. Ġorġ Zammit qal li jrid id-dokumenti neċessarji kollha mitluba u li wara l-kunsill jarahom issir laqħa b'urġenza. Is-Sindku qal li f'dan l-istadju x-xoghol

ghandu jieqaf sakemm jigu verifikati l-affarijiet fuq l-imsemmi Progett ta' Tisbieh f'tal-Hamrija peress li qabel ma jigu iccarati l-affarijiet ma jistghu issiru l-ebda pagament fuq dan il-progett. . Is-Sindku kompla jgħid li jekk Ġovann Vella ihoss li ghandu jieħu passi legali jieħdu. Dan il-ħin (21.35 p.m.), Ġorġ Zammit kellu bzonn jitlaq biex jilħaq il-vapur. Dan il-ħin Monica Vella issejħet biex terġgħa tidħol fil-kamra. Monica Vella reġgħet daħlet fil-kamra. Is-Sindku Paul Azzopardi qal li malli ikollhom id-dokumenti meħtieġa mill-aktar fiss possibli issir laqgħa urġenti u din il-materja tigi diskussa. Paul Axaiq qal li tal-water services corporation WSC, ma kienux tawhom sleeves biex juzawhom fl-area tal-ħamrija. Is-Segretarja għandha tibgħat indirizz elettroniku biex tara għalfejn dawn ma ġewx mgħotijien sleeves. Paul Axiak qal li fit-tieni blokka ma inbidlux is-sleeves u baqghu bis-sistema l-antika.

2. **Playingfields**

Is-Sindku informa li ġie persuna Vince Cassar inkarigat li għamel ir-rapporti tal-playingfields u qal li ser joħroġ it-tieni rapport fejn jiġi spjegat ta' x'hemm bzonn li jittranġa biex il-playingfields ma jkunux ta' periklu għat-tfal. Is-Sindku informa li kien hemm xi bandli perikoluzi fil-ġnien ta' Ġokk u hu bagħat lil ħaddiema imorru jaqtgħuhom. Monica Vella qalet li mill-ewwel rapport kienet bagħtet lill-ħaddiema biex jieħdu passi fuq l-affarijiet li setgħu jiġu irranġati.

Dan il-ħin is-Sindku qal li lest li noħorġu l-pagament tal-bulky refuse peress li kien hemm Pawlu Axiaq barra. Hu staqsa lill-kunsilliera prezenti fuq dawn il-kontijiet u qal lis-segretarja tikteb ic-cheque dak il-ħin. Dr. Monica Vella qalet li la l-Kunsill iddecieda li hemm bzonn isir rendikont finanzjaru tas-sitwazzjoni tal-Kunsill u imbghad l-pagament jinħareġ darba oħra mal-pagamenti l-oħrajn kollha.

3. **Latrina pubblika fil-pjazza San Ġwann Battista**

Il-Vici Sindku u s-Segretarja infurmaw li x-xoghol wieqaf minhabba hsara fil-main tad-drenagg li kellu jitranga mil-WSC qabel jitkompla l-bini tal-latrina. Is-Sindku informa li għadna nistennew l-LA mill-water services corporation. Il-kunsilliera l-oħrajn ġibdu l-attenzjoni li waslet l-festa ta' San Ġwann. Is-segretarja infurmat li hi għamlet e-mail lil Nigel Ellul rigward in-nemus li qed jinġabar mad-dranaġġ. Dr. Monica Vella qalet li hi kienet staqsiet lil perit Saliba jistax isir l-ewwel il-bini tal-latrina u d-dranaġġ jittranġa wara izda dan qalilha li d-dranaġġ ser jibqa' niezel u jidħol taħt il-bini. Domenic Zerafa qal li mhux ser inħallu ħofra hekk f'San Ġwann, nagħmlu l-qafas ta' barra għalissa. Is-Sindku qal li hu tkellem ma' tal-water services corporation u qalilhom li hu ser izommhom responsabbli.

4. **Festa San Ġwann Battista**

Is-segretarja ġibdet l-attenzjoni li l-Fiori D'Argenta ser tkun fil-14,15,16 ta' Ġunju, 2013 u li għal din l-attivita' l-kunsill ġie awarded l-ammont ta' 3,000 elef taħt l-iskema attivitajiet 2013. Is-Sindku qal li peress li din l-attivita' tinvolvi ħafna xogħol jitqabdu persuni jieħu ħsieb din l-attivita'. Is-Sindku qal lill-kunsilliera biex jibdew jaħsbu fuq xi idejat u iġibu dawn l-idejat fil-laqgħa tal-kunsill.

XEWKIJA

5. **Ċentru Ċiviku**

Is-Sindku qal li intbgħatet ittra lil Lands Department u Housing department fejn intgħalbu zewġ postijiet fix-Xewkija biex issir devoluzzjoni fuqhom. Monica Vella qalet li ma setgħu qatt jintbgħatu ittri bħal dawn mingħajr ma jitgħaddew mill-laqgħa tal-kunsill. Is-Sindku qal li hu ħass li għandhom jintbgħatu dawn l-ittri mingħajr ebda skop ħazin għax ħass il-bzonn li l-kunsill għandu bzonn urġenti store. Għalhekk is-Sindku ħass li dan huwa projarita'. Rigward iċ-ċentru ċiviku is-Sindku qal li jixtieq jara x'possibiltajiet hemm li l-kunsill jakkwista l-għassa u l-berġa. Il-Vici Sindku spjegat li hemm applikazzjoni ta' l-EU biex titranga Health Centre ta' standard gholi. Is-Sindku qal li l-aħjar nitkellmu mas-sidien u naraw dawn x'qed jitolbu u naraw minn hemm. Dr. Monica Vella spjegat li fil-kunsill ta' qabel il-kunsill tagħlab lil perit Micallef biex jagħmel applikazzjoni ta' estenzjoni fuq il-kunsill ezistenti liema applikazzjoni ga saret mal-MEPA u tinkludi zewgt ufficini, sala kbira fit-tieni sular, lift u kamra zghira fil-penthouse level. Is-segretarja għandha tagħmel kuntatt mal-perit Micallef biex tara f'hiex waslet l-applikazzjoni.

6. **Ħatra ta' Avukat**

Is-Sindku ġibet l-attenzjoni li hemm il-bzonn li l-kunsill ikollu avukat. Dr. Monica Vella qalet li trid tinħareġ tender. Is-Sindku staqsiha li jekk jinqala emerġenza u ma tkunx għadha inħarġet it-tender x'ser jiġri? Hi qaltlu li jekk jinqala emerġenza ta' avukat il-kunsilliera jiġu avzati u jkun jista' jintgħazel avukat f'dan il-kaz.

7. **Ħatra ta' Accountant**

Is-Sindku qal li hass l-bzonn li jinhatar Accountant. Dr. Monica Vella qalet li għal accountant trid tinħareġ tender ukoll. Hija ġibdet l-attenzjoni li bħalissa l-kunsill għandu accountant lil Joanna Caruana li ilha taghmel l-accounts tal-Kunsill ghal diversi snin. Is-Sindku qal li għandu jitqabbad accountant lil Joe Cordina peress li iriduh urġenti biex jagħmel ir-rendikont finanzjarju tal-Kunsill. Is-Sindku qal ukoll li peress li dan ikun Għawdex ikun jista' jiġi aktar malajr u jgħin għal ftit lis-segretarja fil-bzonnijiet ta' l-accounts. Il-kunsill qabel li għandu jintgħazel Joe Cordina biex jagħmel dan ix-xogħol urġenti li kien hemm bzonn. Il-Vici Sindku qalet li meta juri x-xoghol lis-Segretarja ghandha tigi murija l-Assistant Principal.

8. **Tmiem il-Laqgħa**

Il-Laqgħa giet agornata f'nofs il-lejl.

| | |
|---|---|
| Sue-Ellen Bugeja | Paul Azzopardi |
| Segretarju Eżekuttiv | Sindku |